MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 1/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Antonello Grech)**

**Vs**

**Francis Galea ta' 70 sena bin Anthony u Mary nee' Borg, imwieled Victoria fit-8 ta' Awwissu 1940 u residenti 52, T'Anni, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 55340(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Galea li gie akkuzat talli fis-26 ta' Dicembru 2002, filghodu f'Ghajnsielem b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed issuq

vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBD 959, tajjar lil Salvatore Xuereb u b’konsegwenza ta’ hekk ikkagunalu l-mewt.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta’ Gunju 2009;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx wisq kontestazzjoni dwar il-fatti ta’ dan il-kaz. Jidher illi fil-jum ta’ dan l-incident, l-imputat kien niezel bit-trukk tieghu CBD 959, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, direzzjoni lejn l-Imgarr. Fuq in-naha tax-xellug tat-triq kien hemm trukk tal-haxix proprjeta ta’ Francis Aquilina, li minn dak li jirrizulta mill-provi, dakinhar tal-incident ma kellux il-permessi necessarji ta’ *street hawker*. Aquilina ma kienx ilu wisq armat u fil-hin tal-incident kellu klijent qed jixtri minghandu, il-vittma Salvatore Xuereb, ragel ta’ 81 sena. Kemm Aquilina kif ukoll Xuereb kienu qeghdin bil-wieqfa fuq in-naha ta’ barra tat-trukk u cioe’ fil-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni tax-Xewkija sejjer lejn l-Imgarr. Ghal xi raguni jew ohra jidher illi l-imputat habat mal-parti tal-genb tan-naha ta’ wara tat-trukk. Jidher illi qabel l-impatt, l-imputat zamm brejk, izda xortawahda sehhet il-kollizzjoni, huwa baqa’ jsuq u kaxkar kemm lil Aquilina kif ukoll lil Xuereb li dak il-hin kienu qeghdin hdejn it-trukk. Mal-impatt kemm Aquilina kif ukoll Xuereb sofrew griehi gravi u ttiehdu l-Isptar. Ghalkemm jidher illi Aquilina fieq mill-griehi li sofra, madanakollu l-kundizzjoni ta’ Xuereb iddeterjorat sakemm madwar xahar wara huwa miet. Ghalkemm l-imputat *a tempo vergine*, jghid illi fil-hin tal-incident il-vizjoni tieghu

kienet ostakolata minhabba fix-xemx li kien hemm fil-faccata tieghu, madanakollu meta jixhed quddiem il-Qorti huwa ighid illi dina ma kenitx qed tostakolalu l-vizjoni tieghu. Ma jidhirx illi fil-hin tal-impatt Xuereb jew Aquilina kienu qed jaghmlu xi moviment inaspettat. Huma kienu bil-wieqfa hdejn it-trukk. Kien hemm traffiku tielgha mid-direzzjoni l-opposta, izda l-karreggjata jidher illi kienet wiesgha bizzejjed li setghet tippermetti lill-imputat jibqa' ghaddej fil-karreggjata tieghu. Jidher illi l-kawza prossima tal-incident kien l-impatt illi l-vettura misjuqa mill-imputat kellha mal-genb tat-trukk. Minn hawn jidher illi l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu tant illi huwa ma setax jieqaf u spicca laqat lil dawn it-tnejn minn nies li f'dak il-hin kienu bil-wieqfa hdejn it-trukk. Fil-fatt anke l-brejk mark fuq l-iskizz tinsab la genbha fid-direzzjoni tat-trukk li tindika illi ghal xi raguni l-imputat isswervja ghal fuq it-trukk, laqat il-genb tieghu u mbaghad laqat lil Xuereb u lil Aquilina li kienu bil-wieqfa mal-genb tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputat qed jigi addebitat ir-responsabbilta' ghal dana s-sinistru stradali billi huwa qed jigi akkuzat illi kien negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu tant illi minhabba f'dina n-nuqqas ta' prudenza fis-sewqan tieghu ikkaguna l-mewt ta' Salvatore Xuereb u dana ai termini tal-artikolu 225 tal-Kapitolu 9. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk l-imputat ghandux jahti ghal dana l-incident.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. L-imputat kien qieghed isuq fi triq dritta u kellu vizwali tajba ta' dak kollu li kien qed jigri quddiemu. Illi huwa minnu illi fil-hin tal-incident ix-xemx kienet fil-faccata tieghu, izda dana l-fatt kellu jservi sabiex l-imputat juza prudenza u attenzjoni akbar mis-soltu.
2. It-trukk tal-haxix ta' Aquilina kien qieghed wieqaf armat ghall-bejgh f'post fejn ma kienx permess illi huwa jieqaf bit-trukk tieghu sabiex ibiegh.

3. Illi fil-hin tal-incident Aquilina u Xuereb kienu qeghdin bil-wieqfa fuq in-naha ta’ barra tat-trukk u allura fil-karreggjata tat-traffiku sejjer lejn id-direzzjoni tal-Imgarr.
4. Illi l-ewwel *spot of impact* sehh mal-genb tat-trukk tal-haxix in-naha ta’ wara. Fil-fatt il-brejk mark tindika illi l-vettura misjuqa mill-imputat hadet direzzjoni lejn il-ponta ta’ wara tat-trukk u habat mieghu.
5. Mal-impatt, l-imputat baqa’ jsuq u laqat lil Aquilina, il-bejjiegh tal-haxix u lill-klijent tieghu Salvatore Xuereb li dak il-hin kien qed jixtri l-haxix.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali jinghad:
*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."* (App.
Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Illi f’sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta’ Novembru 2007 il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta’ pedestrian.

“Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta t-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.'"*"

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )
u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed*
*izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Il-Qorti kompliet: "….. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Imbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi l-Highway Code jghallimna dawk ir-regoli ta' komportament li ghandhom isegwu l-utenti kollha tat-triq kemm il-pedestrian kif ukoll is-sewwieq. Illi fl-artikolu 14 tieghu jinghad u dana b'referenza ghal pedestrian:

*14. Fejn hemm bankina jew passaġġ adekwat, użah. Evita mixi bla ħsieb fil-karreġġati. Dan huwa perikoluż għalik innifsek u għall-oħrajn.*

Imbaghad :

*18. Taħt l-ebda ċirkostanza m'għandek timxi fuq il-karreġġata fejn din tkun maqtugħa mill-passaġġ jew mill-bankina b'xi railings jew ktajjen.*

*19. Toqgħodx titnikker bla bżonn fuq il-karreġġata. Ftakar li l-karreġġata qiegħda l-ewwel u qabel kollox biex jgħaddu minnha l-vetturi.*

Illi fl-artikolu 232 imbaghad ghar-rigward ta' postijiet ta' waqfien ta' vetturi jinghad:
*La għandek tipparkja u lanqas tħalli l-vettura tiegħek wieqfa:-*

*1. fejn mhux permess l-ipparkjar.*

*2. fi triq prinċipali jew fi triq li jkun fiha traffiku mgħaġġel, jekk dak l-ipparkjar jew waqfien jaffettwa l-mixi ħieles tat-traffiku.*

Ikkunsidrat;

Illi maghdud dana kollu l-Qorti tistqarr illi huwa minnu illi t-trukk tal-haxix ta' Aquilina kien wieqaf minghajr permessi fi triq traffikuza li hija Triq l-Imgarr. Minn dina t-triq jinzel it-traffiku kollu li jkun sejjer lejn il-Port tal-Imgarr u ghalhekk din it-triq hija meqjusa bhala wahda mill-iktar triq traffikuzi

gewwa Ghawdex, triq fejn sfortunatament isehhu diversi incidenti stradali li whud minnhom ikunu fatali. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi Aquilina kien kemm xejn irrisponsabbli meta waqqaf it-trukk tieghu f’din it-triq sabiex ibiegh il-haxix. Illi l-Qorti lanqas ma tista’ tifhem ir-raguni ’l ghala Aquilina kien qieghed ibiegh proprju min-naha tat-trukk li kienet tinsab f’nofs il-karreggjata tat-traffiku minflok minn fuq il-bankina. Dana holoq certament ostakolu ghall-utenti tat-triq li kienu qed isuqu fi Triq l-Imgarr. Holoq periklu wkoll ghall-klijenti tieghu b’dana l-agir. Ghalhekk kemm Aquilina kif ukoll Xuereb kienu imprudenti u irrisponsabbli meta kienu qeghdin bil-wieqfa fi triq traffikuza proprju fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej it-traffiku. Ma hemmx dubbju illi dawn kienu qed jesponu ruhhom ghal periklu, iktar u iktar meta wiehed iqis l-eta’ ta’ Xuereb, ragel anzjan ta’ 81 sena.

Din in-negligenza da parti ta’ dawn it-tnejn min-nies madanakollu ma jezonerax kompletament lill-imputat mill-htija tieghu ghal dan is-sinistru stradali. Ibda biex l-imputat habat mat-trukk tal-haxix li kien wieqaf. Ir-raguni kif dana sehh ma tirrizultax mill-provi, izda jidher illi l-imputat minflok baqa’ jsuq fid-dritt fil-karreggjata tieghu ghal xi raguni laqat dan it-trukk li kien wieqaf. Mill-iskizz tal-incident imhejji mis-surgent 1464, ghalkemm it-trukk kien wieqaf mal-bankina, madanakollu kien hemm bizzejjed spazju sabiex ighaddi t-traffiku bid-dritt mieghu. Kif diga nghad ghalhekk il-kawza próssima tal-incident kien il-fatt illi ghal xi raguni jidher illi l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u habat mat-trukk tal-haxix. Mal-impatt imbaghad huwa laqat ukoll lit-tnejn min-nies li kienu bil-wieqfa mal-genb tat-trukk. L-imputat jistqarr illi mad-daqqa zamm il-brejk, izda lil Aquilina u lil Xuereb ma rahomx. Il-Qorti ma tistax tifhem kif dana seta’ kien possibbli. Il-konfigurazzjoni tat-triq hija wahda dritta. Spazju biex ighaddi jidher illi kien hemm. Fil-fatt fl-ebda hin ma jidher illi l-vettura misjuqa mill-imputat qabzet il-linja kontinwa f’nofs it-triq u fl-ebda hin ma sporgiet fuq il-karreggjeta tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li ghalkemm kien hemm in-negligenza kontributorja ta’ Aquilina u Xuereb ghal dana s-sinistru stradali, madanakollu l-imputat huwa wkoll responsabbli

ghall-istess billi ma kienx qed jezercita l-prudenza kollha necessarja fis-sewqan tieghu.

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti mill-vittma Salvatore Xuereb, id-difiza targumenta illi dawn il-griehi ma wasslux ghal mewt tal-istess Xuereb li miet madwar xahar wara l-incident. Id-difiza ssostni illi l-mewt ta’ Xuereb giet accelerata mill-fatt illi l-vittma kien ragel anzjan u li diga kellu xi mard fiziku fosthom xi kundizzjoni fl-istonku tieghu. Illi l-Qorti tistqarr illi ma tistax taqbel ma’ dina l-linja difenzjonali. Kemm mir-rapport tal-patologisti Dr. Bridgette Ellul u Dr.Michael Refalo jidher illi l-kawza tal-mewt kienet emoragija fl-istonku, kif ukoll il-ksur illi Xuereb sofra tal-pelvis. Jirrizulta illi fl-incident Xuereb sofra griehi f’rasu kif ukoll ksur fil-pelvis. Illi Xuereb qatt ma irkupra min dawn il-griehi, fil-fatt huwa baqa’ rikoverat l-isptar, il-kundizzjoni ta’ sahha tieghu iddeterjorat u b’hekk fl-ahhar miet. Illi l-patologisti jsostnu illi l-emoragija fl-istonku kienet kumplikazzjoni gejja mill-ksur li Xuereb sofra fil-pelvis fl-incident stradali. Dana huwa wkoll ikkonfermat minn Profs. Raymond Aquilina li jsostni illi fil-kaz ta’ nies anzjani li jkunu sofrew minn trauma, jizviluppaw stress ulcers fl-istonku u dana bhala kumplikazzjoni tal-ksur illi l-pazjent kien sofra fl-incident stradali. Illi l-istess tabib jeskludi illi dawn l-istress ulcers kienu konnessi ma’ xi problema li Xuereb kellu fl-istonku peress illi dan kien sehh diversi snin qabel u mill-istorja medika tal-pazjent ma jidhirx illi huwa baqa’ jsofri minn dana. Ighid: “Ghandi nghid illi peress illi mill-istorja tal-pazjent ma rrizultalniex illi qabel dan l-incident huwa kien qed isofri minn xi kumplikazzjonijiet jew sintomi konsegwenza tal-operazzjoni li kien ghamel fl-istonku tieghu allura l-probabbilita’ kienet illi l-istress ulcers illi iffurmawlu fl-istonku tieghu kien konsegwenza tat-trauma li kien sofra fl-incident.”[1]

Il-Qorti ghaldaqstant wara li kkunsidrat ix-xhieda ta’ dawn it-tobba, tqis illi Salvatore Xuereb miet b’konsegwenza ta’

[1] Ara xhieda ta’ Mr. Raymond Aquilina a fol. 82 et.seq.

kumplikazzjonijiet li zviluppaw mill-griehi sofferti minnu f’dana s-sinistru stradali.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi. L-ewwelnett il-Qorti ser tqis in-negligenza kontributorja ghal dana l-incident ta’ Aquilina kif ukoll tal-vittma Salvatore Xuereb. Fit-tieni lok il-fedina penali tal-imputat hija wahda kwazi netta u l-imputat illum huwa ragel ta’ sebghin sena. Finalment il-Qorti ma tistax tinjora lanqas it-trapass taz-zmien minn meta sehh dana l-incident ghal meta l-kawza effettivament tressqet quddiem il-Qorti. Ghaldaqstant f’dawn ic-cirkostanzi piena kareceraja effettiva ma hijiex idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija, liema perijodu ta’ prigunerija fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’€ 279.52 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------